



Brussell, 15 ta' Marzu 2021
(OR. en, fr)

6941/21
ADD 1

ENV 145
CHIMIE 33
COMPET 170
IND 59
PHARM 39
AGRI 130
RECH 98
ECOFIN 234
ECO 37
SOC 138
SAN 139
CONSOM 61
MI 157
ENT 48

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Marzu 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6695/21 + COR 1 (bg)	
Nru dok. Cion:	11976/20 + ADD 1 - COM(2020) 667 final
Suġġett:	Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mill-Belġju rigward il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' hawn fuq approvati permezz ta' proċedura bil-miktub fil-15 ta' Marzu 2021.

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU

Il-Belġju jilqa' l-adozzjoni tal-Konklużjoni tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà u niringrazzjaw lill-Presidenza Portugiża għall-ħidma tagħha biex jintlaħaq dan l-oġjettiv importanti.

Huwa importanti ħafna li tingħata gwida biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi u biex jintbagħat sinjal politiku qawwi kemm fl-UE kif ukoll barra minnha dwar ir-rieda u l-impenn tagħna biex niksbu livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni tagħna.

Madankollu, ninsabu ddispijaċuti għan-nuqqas ta' linji gwida dwar il-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' ħsara maħsuba biss għall-esportazzjoni, meta dawn m'għadhomx awtorizzati fl-Unjoni. Il-Belġju jieħu din l-opportunità biex jappoġġa bis-sħiħ l-ambizzjoni mħabbra mill-Kummissjoni dwar dan is-suġġett. Tabilħaqq, lil hinn mis-sempliċi tħabbira politika, ninsistu fuq in-natura fundamentalment etika ta' din il-miżura u ser insegwu mill-qrib l-iżviluppi relatati.

Aħna jiddispijaċina wkoll għan-nuqqas ta' referenza għad-disponibbiltà ta' alternattivi għal sustanzi PFAS. Għalhekk intennu l-appoġġ tagħna għall-projbizzjoni tagħhom, għajr għal ċerti użi speċifiċi li għalihom hemm evidenza li huma essenzjali għas-soċjetà u sakemm ma jkunx hemm alternattivi disponibbli.

Fl-aħħarnett, aħna nafferma mill-ġdid l-interess tal-Belġju fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija. Ser nipparteċipaw b'mod attiv fil-fora kollha ta' diskussjoni u ser inkunu involuti fl-azzjonijiet kollha mmirati biex nilħqu l-oġjettiv ta' sostenibbiltà u sigurtà fil-qasam tas-sustanzi kimiċi u niżguraw ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.